Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,799, 4 ta' Marzu, 2022

Taqsima B

A.L. 101 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha (Emenda Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465.26.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2022:

Iżda l-ordni prinċipali li qiegħed jiġi emendat bis-saħħa ta' dan l-ordni għandu jitqies li għadu fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Marzu 2022 għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dak l-istess ordni.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-seba' proviso tiegħu, il-kliem "elenkati fit-it-tieni proviso:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "elenkati fit-tieni proviso."; u

(b) it-tmien proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.